**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 148/2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Brian Grech**

**<u>Illum, 11 ta' Jannar, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Brian Grech** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0368770M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-27 t'Ottubru 2021 għall-ħabta tal-10:07hrs waqt li kien fl-inħawi ta' Selmun limiti tal-Mellieħa kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew zamm kampjuni ta' għasafar, kemm hajjin jew mejtin jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattvi ta' xi għasfur li mhux inkluz fl-iskeda II (whud minnhom imnizzla fi skeda I ), meta dawk l-għasafar ma ġewx iddikjarati mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-ippjanar, jew il-precedessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma kont fil-pussess ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-regolamentazzjoni għall-

għasafar selvaġġi għaz-zamma ta' dak l-għasfur skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 21, jew kienu ħew importanti legalment skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b) jew kienu ġew meħuda fi stat Membru fejn il-kaċċa jew it-taħid tagħhom saret skond il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwistati b'mod legali skond id-Direttiva 2009/147/KE tal-UE jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(e) ta' LS549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanza uza għasafar bħala taħrik u għajjat li ma kinux imlibbsa ċurkett li jintuza darba li kien maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaggi li għandu l-Kodiċi R16U jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u/jew bgħula u jew ibridfi, bi ksur ta' kundizzjonijiet 20 tal-Liċenzja Speċjali għar-riċerka fuq is-seba' speċi tal-għasafar tal-għana fil-Ħarifa 2021 u r-regolament 12(k) ta' LS549.145.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, ordnat l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-AL 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat, LS 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Marzu, 2023, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e) u 27 ta' LS549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 12 (k) u 14 tal-LS549.145 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-qua imputat, **Brian Grech**, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh u konsegwentament ikkundanatu għall-multa ta' EUR.1,200.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Brian Grech, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-4 ta' April ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

a. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu u tilliberah minnhom u minn kull htija skont il-liġi;

b. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas il-piena nflitta hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti u b'hekk tagħti piena aktar idoneja għall-kaz in kwistjoni billi tirriduċi l-multa u/jew tirriduċi s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess relevanti maħruġ lill-appellant taħt il-liġi sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Rat l-aggravji tal-appellant Brian Grech li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe';

Illi huwa prinċipju kardinali li fi proċeduri kriminali jeħtieġ illi tiġi stabbilita **ċertezza legali u dana stante s-sensitivita tan-natura tal-proċeduri penali u l-konsegwenzi oneruzi li tali proċeduri jistu talvolta iġibu.**

Fis-sentenza appellata mhux talli b'kull dovut rispettt l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ħolqotx ċertezza legali li ma tħalli ebda lok għal dubji, inċertezzi, inkonsistenti u/jew divergenzi użda addirittura l-Ewwel Qorti straħet fuq assunzjonijiet u fuq provi li bl-ebda mod ma jikkostitwixxu l-aġjar prova hekk kif debitament rikjesta fil-kap penali.

1. **Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tikkonkludi *safe and satisfactory* illi l-imputat kien qiegħed jonsob mingħajr il-permessi relattivi u neċċesarji u dana stante l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova konkreta dwar ir-revoka tal-permess in kwistjoni u wisq anqas dwar in-notifika tal-istess revoka lill-imputat, illum appellant!**

Illi f'dan ir-rigward, l-appellant jagħmel referenza għall-*affidavis* tal-Uffiċċjali tal-Pulizija fejn kollha kemm huma jistqarru bil-ġurament tagħhom illi meta avviċinaw

lill-appellant, l-istess appellant ikkopera u fornihom bil-permessi u d-dokumentazzjoni kollha relattiva- liema dokumentazzjoni ġiet ċertifikata minn l-istess Uffiċjal tal-Pulizija bħala valida. Fil-fatt meta wieħed jagħti ħarsa lejn l-affidavit ta' PC 541, dana jgħid " *Fejn meta ġew iċċekjati dawn id-dokumenti dawn instabu kollha validi."*

L-istess uffiċjal imbagħad jgħidu li meta saru l-verifiki ma' WBRU, rriżultalhom li tali permess kien ġie revokat. **Madanakollu, b'kull dovut rispett, ma nġiebet assolutament l-ebda prova konkreta u siffiċjenti li tindika b'mod ċar u konkret lill-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-appellant kien debitament notifikat, infurmat u/jew konxju tal-istess revoka tal-permess in kwistjoni u għaldaqstant jeżisti dubju serju ħafna dwar kemm effettivament l-appellant kien konxju u/jew seta' kien konxju tal-istess revokar.**

B'hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti, b'kull dovut rispett, qatt ma seta' jkollha s-serħan il-moħħ illi l-appellant verament u konxjament kien qiegħed jonsob b'mod illegali u mingħajr il-permessi neċessarji għaliex jirriżulta dubju serji dwar kemm l-imputat kien effettivament notifikat u informat b'tali deċiżjoni ta' revokar.

Għaldarba tali prova, li setgħet faċilment tinġieb mill-Prosekuzzjoni, hija mankati għal kollox fl-atti proċesswali, mela allura l-appellant ma seta' qatt jinstab ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu għaliex l-prova regina hija mankati għal kollox.

Nonostante l-fatti surreferiti, l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-apellant ħati tal-akkużi hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu.

F'dan l-isfond, tajjeb li jingħad u jiġi enfasizzat illi fil-Kamp Kriminali l-prinċipju bazillari huwa **li dejjem għandha tinġieb l-aqwa prova mill-Prosekuzzjoni sabiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.**

Tajjeb jiġi enfassizat ukoll illi li tressaq l-aħjar prova mhix biss possibilita' li għandha tiġi esplorata mill-prosekuzzjoni sabiex tagħmel il-każ tagħha iżda huwa stabbilit mill-Qorti illi l-Prosekuzzjoni hija obbligata li tippreżenta l-aħjar prova. **– Il-Pulizija vs Brian Sciberras – Appell Kriminali, 2 April 2014.**

In oltre, is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Mejju 2002 jipprovdi s-segwenti;

> *" Huwa prinċipju fondamentali fil-proċess kriminali li l-liġi tesiġi li kull min jrid jipprova xi ħaġa, għandu jressaq l-aħjar prova, **u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm –il darba din l-ewwel jew l-aħjar prova mhiex disponibbli ".***

Fil-każ odjern, b'kull dovut rispett, nonostante l-fatt li l-prosekuzzjoni kellha kull opportunita li tressaq din l-aqwa prova, tali prova ma baqgħet ma nġibitx u għalhekk l-Ewwel Qorti, fl-umli opinjoni tal-appellant, kienet prekluża milli ssib ħtija fir-rigward tal-akkuża li tirrileta dwar insibu mingħajr il-permess tal-Awtorita kkonċernata.

Għaldaqstant, l-appellant umilment jikkontendi illi għandu jiġi liberat minn din l-istess akkuża.

2. **L-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tikkonkludi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li ċ-ċrieket in kwistjoni effettivament ma kinux awtentiċi u dan stante li straħet biss fuq rapport redatt minn expert *ex parte* tal-Prosekuzzjoni u mhux minn espert nominat minnha.**

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni illi ċ-ċrieket in kwistjoni effettivament ma kinux awtentiċi, l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet biss fuq ir-rapport redatt minn esperti *ex parte* u li huma membri fi ħdan is-sezzjoni WBRU. B'kull dovut rispett, dina ma tistax tikkostitwixxi prova suffiċjenti u/jew konkreta fil-kamp penali u dana stante l-fatt li

kif tgħallimna l-ġurisprudenza nostrana l-ħatra ta' periti hija regolata bl-Art 650 sa 657 tal-Kap.9. Il-kodiċi Kriminali. Li għad-differenza tal-Kap 12 ma jsemmi xejn dwar prova kostitwita mill-oppinjoni ta' espert *ex parte*.

L-istess kodiċi lanqas ma jaċċenna għall-possibilita' tal-ħatra ta' periti addizzjonali. Billi jipprevali l-prinċipju illi ubi lex voluit dixit, din il-Qorti tgħid illi ladarba fil-Kap 9 ma hemmx riferenza, **il-prova permezz ta' espert ex parte** u l-ħatra ta' periti addizzjonali huma **esklusivi fi proċedimenti penali**.

Fis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2011 fil-kawża **"Il-Pulizija vs Daniela Mercieca"**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"In kwantu għax-xhud Mario **Buttigieg din il-Qorti ma hix ser tiehu konjizzjoni tal-oppinjonijiet espressi minnu peress li dan ma jirriżultax li kien xi espert nominat mill-Qorti u anzi jirriżulta li kien ġie nominat ex parte minn u fl-interess tas-soċjeta' assiguratrici Gasan Mamo Insurance li tagħha kien impjegat u li kellha bħala klient tagħha lil Joseph Saliba ".**

Inoltre, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2011 fil-kawża **" Il-Pulizija vs Paul Micallef"** il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

> *"Dwar it-tieni aggravju fis-sens li ma saritx l-aħjar prova dwar il-valur tal-ħamiema li nqatlek l-imputat għandu raġun. L-unika prova f'dan ir-rigward kien Marco Farrugia, il-president u tal-Federazzjoni tal-ħamiem tal-**ġiri iżda dan ġie prodott ex parte minn Victor Agius u ma ġiex nominat espert mill-Qorti u għalhekk l-istima tiegħu tal-valur tal-ħamiema in kwistjoni ma tistax tiġi aċċettata.** Meta si tratta ta' stima ta' valur ta' oġġett bħal dak hawn in kwistjoni fejn hemm element qawwi ta' spekulazzjoni involuta li mhux neċessarjament tikkorrispondi mal-valur naturali tal-oġġett hi aktar impellenti li l-istima ssir minn persuna bil-garanziji neċessarji*

*ta' indipendenza u imparzjalita' li jista' jipprovdi persuna esperta nominata mill-Qorti. Dan ma sarx u għalhekk din il-Qorti ma hix ser toqgħod fuq l-istima li għamel ix-xhud imsemmi".*

Għaldaqstant, in vista tal-insenjamenti surreferiti, l-appellant umilment jikkontendi li l-prova miġjuba mill-Prosekuzzjoni rigwardanti l-awtentiċita' taċ-ċrieket in kwistjoni ma kinitx waħda ammissibbli u ċertament għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tistrieh fuq l-istess prova. Addirittura, tali prova kellha tiġi skartata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk konsegwentement, fin-nuqqas ta' prova sufficjenti u ammissibli, l-appellant kellu jiġi liberat mill-akkuża relattiva kif miġjuba fil-konfront tiegħu.

Inoltre, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-argumentazzjoni sufferita, l-appellant kien għal kollox eskluż mill-ispezzjonijiet illi allegatament saru mill-Uffiċjali tal-WBRU u għalhekk ma jista' qatt ikollu s-serħan il-moħħ dwar il-metodu li ġie addotta, il-verifiki illi saru u r-riżultanti li allegatament nstabu u dan jingħad aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra l-fatt li dawn huma esperti *ex parte* u li għalhekk ċertament ma jistax jingħad li tali esperti huma indipendenti u imparzjali- għal kuntrarji ta' espert nominat mill-Qorti.

3. **MINGHAJR PREGUDIZZJU GHALL-PREMESS, l-piena ergoata hija wahda eccessiva**

Bla pregudizzju ghal dak diga' sottomess fl-aggravji l-ohra l-appellant jemmen bis-shih li ghandu jkun hemm temperament fil-piena u li l-multa moghtija ghandha tkun fil-minimum, jew tqarreb lejn il-minimum, kemm-il darba l-aggravi l-ohra ma jigux milqugha.

L-appellant ukoll jitlob il-klemenza ta' din l-Onorabbli Qorti anki f' dak li jirrigwarda l-licenzja relattiva taht 1-AL 79 tal-1-2006 kif sussegwent emendat kif ukoll dik mit-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali għar-rikors tal-appell ta' Brian Grech, ippreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Ġunju, 2023.

Semgħet lix-xhud Fiona Burrows tixhed bil-lingwa Ingliża nhar it-23 ta' Novembru, 2023 u sussegwentament semgħet il-partijiet jitrattaw.

**Ikkunsidrat**,

Illi primarjament din il-Qorti ssostni illi fit-trattazzjoni ma għandhomx jitqajjmu aggravji ġodda u għalhekk din il-Qorti sejra tibbaża s-sentenza tagħha u tiddeċiedi fuq l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tiegħu.

**L-ewwel aggravju** tal-appellant jirrigwardja l-fatt li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova konkreta dwar ir-revoka tal-permess u n-notifika ta' dan lill-appellant. Għaldaqstant l-appellant qiegħed jargumenta illi jeżisti dubju serju dwar kemm effetivament l-appellant kien konxju u/jew seta' kien konxju tal-istess revokar. Illi primarjament din il-Qorti tixtieq tagħmel referenza għall-prinċipju *Ignorantia juris non excusat* u ċioe' *ignorance of the law is no excuse*. Għalhekk anke jekk persuna ma tkunx konxja ta' xi fatt ma jfissirx li għalhekk ma għandiex tinstab ħatja. In oltre, din il-Qorti ma temminx li l-appellant ma kienx konxju ta' dan il-fatt jew li ma kienx notifikat u dan stante li kif qalet tajjeb l-Avukat Ġenerali fir-risposta tagħha, jekk dan qabad l-għasafar u għamlilhom ċurkett xjentifiku, qabel iħarrabhom skond il-kundizzjoni numru erbgħa tal-liċenzja speċjali[1] dan ried jindika l-post/lok ta' minn fejn inqabdu. Hemm hekk it-Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi żgur kienet tinfurmah li l-post minn fejn inqabdu kienet żona protetta. Għalhekk jeżisti dubju jekk din il-formola kinitx fil-fatt timtela jew le. Din il-Qorti hija konxja mill-fatt illi l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha u trid iġġib l-aqwa prova, madankollu il-fatt li l-prosekuzzjoni ma ġabitx il-prova li l-appellant kien konxju u/jew seta' kien konxju tal-permess ma jfissirx li ma għandux jinstab ħati. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

[1] Fol. 24 et seq tal-process.

**Fit-tieni aggravju** tiegħu l-appellant Grech jgħid li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tikkonkludi 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li ċ-ċrieket in kwistjoni ma kienux awtentiċi u dan stante li hi straħet biss fuq rapport redatt minn espert *ex parte* tal-prosekuzzjoni u mhux minn espert nominat minnha.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis**[2] fejn ġie ritenut is-segwenti:

> ***'32. L-appellant jikkontesta d-deċiżjoni ta' sejbien tal-ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għar-raġuni li din kienet ibbażata fuq l-opinjoni tal-uffiċjali tal-infurzar u mhux ta' esperti maħtura ai termini talArtikolu 650(1) tal-Kodiċi Kriminali liema xhieda taw biss l-opinjoni tagħhom għal dak li jirrigwarda l-kejl tal-veloċita' li biha kienet qiegħda tinstaq id-dgħajsa tiegħu. Għaldaqstant, l-appellant jikkontendi li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienet xhieda ex parte u bħala tali l-opinjonijiet tagħhom fuq materja ta' veloċita' kellha tkun meqjusa inammissibbli mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).***
>
> ***33. Illi permezz tal-Artikolu 650(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jistgħu jirrikorru għall-opinjoni esperta ta' periti tekniċi fejn is-soluzzjoni ta' vertenza tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali. Dan huwa hekk meta l-każ ikun jirrikjedi analiżi approfondita ta' fatturi tekniċi u xjentifiċi bħalma hu l-kejl ta' xi kwantita' ta' droga misjuba u d-determinazzjoni tan-natura ta' din is-sustanza jew l-istħarriġ ta' apparat informatiku jew xi kejl matematiku, fost oħrajn. F'dan il-każ, ix-xhud nonche espert, ma jitpoġġiex fuq l-istess binarju ta' xhud ordinarju għaliex il-Liġi tippermettilu anki li jesprimi l-opinjoni tiegħu u dik l-opinjoni tkun hekk***

[2] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar it-28 ta' Settembru 2021.

***ammissibbli bħala prova kontra jew favur l-akkużat. Il-Qorti tista' mbagħad jew tagħmel tagħha dawn il-konklużjonijiet tal-perizja jew inkella tiddipartixxi minnhom kemm -il darba dawn ikunu kontra l-persważjoni tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Biss, il-poter li għandha l-Qorti li ma tintrabatx mal-konklużjonijiet tekniċi mhux assolut u ma jistax jiġi eżerċitat arbitrarjament imma jrid isegwi ċerta loġika oltre għall-fatt li din id-deċiżjoni trid tkun ibbażata fuq motivazzjonijiet validi.*** *Dan il-kunċett ġie ribadit fil-kawża* ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Steven Muscat</u>*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Ġunju 2006 : -*

*irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9: "Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu." L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li "kontra l- perswazjoni" taghhom ma kienx ifisser "kontra l-kapricc ta' mohhkom" izda ghal raguni valida legalment.*

***34. Issa, a contrario sensu, f'kawża fejn il-kwistjoni prinċipali tkun waħda li ma teħtieġx xjenza jew ħila speċjali, il-Qorti xorta waħda tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha billi - jekk jidhrilha li għandha tagħmel hekk - tistrieħ fuq dik ix-xhieda ta' persuni li għad li ma jkunux esperti fis-sens tal-Artikolu 650(1) tal-Kodiċi Kriminali, xorta waħda tkun hekk vestita fihom bil-Liġi kompetenza speċjali bħalma hi kwindi dik tal-uffiċjali tal-infurzar taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52, Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar.***

***35. B'rabta ma' dan, din il-Qorti tagħmel referenza għar-regolamet numru 45 sub-inċiż 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52, u tqis li hija l-Liġi stess li tagħti s-setgħa lill-uffiċjali tal-infurzar li jkunu qiegħdin jesegwixxu l-kompetenza tagħhom fil-limiti tal-imsemmija liġi, li jwaqqfu lill-bastiment li fil-fehma tagħhom ikun wettaq reat. Hija l-Liġi stess li tagħti piż lil 'fehma' tal-uffiċjali tal-infurzar b'mod tali allura li t-test ta' jekk opra tal-baħar tkunx aġixxiet bi ksur tal-Liġi jiddependi ukoll minn dawk l-osservazzjonijiet li dan ikun għamel waqt il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu skont il-Liġi.***

***36. Dan ikun neċessarjament ifisser li fejn il-kawża tkun tirrigwarda materja li uffiċjal tal-infurzar huwa kompetenti li jixhed dwarha għaliex taqa' fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, allura ma jkunx jeħtieġ li l-kelma tiegħu tiġi investigata ulterjorment minn espert tekniku mqabbad fit-termini tal-Artikolu 650(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan kien hekk ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat deċiża nhar is-17 ta' Ottubru 2013 :-***

***Bhala xhieda dina hija accettabli u ma tistax titqies bhala opinjoni la gejja minn Enforcement Officer illi huwa mpjegat u nkarigat sabiex jassigura illi l-limiti tal-velocita jkunu rispettati fi kwalunkwe hin madwar ix-xtajta ta' Malta.*** *Kemm pero' wiehed jista joqghod fuq xhieda bhal din meta l-velocitajiet ikunu marginali u jistghu facilment ma jkunux eccessivi l-Qorti ma jidrilhiex illi f'dawn ic-cirkostanzi wiehed jista' jasal ghal konvinciment morali dwar htija ta' persuna.'*

Fil-każ odjern, il-periti *ex parte* li qed jagħmel referenza għalihom l-appellant huma uffiċjali tal-WBRU u dan kif rifless fir-rapport esebit a fol. 29 et seq tal-proċess. Il-*Wild Birds Regulation Unit* skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 hija it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi taħt il-Ministeru responsabbli għall-ambjent. Ir-Regolament numru 11 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jipprovdi hekk:

> *11. (1) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha tiġi stabbilita mill-Ministru u għandu jkollha r-responsabilità għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis u tad-deċiżjonijiet tal-Ministru dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti. It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha wkoll isservi bħala s-Segretarjat tal-Kumitat stabbilit bir-regolament 10 u għandha tassisti lil dan il-Kumitat fit-tħaddim tiegħu u fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu: Iżda, fil-qadi ta-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha taġixxi skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.*
>
> *(2) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi hija responsabbli mill-ħruġ tal-liċenzji skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-Kummissarju jista', fuq bażi ta' ordni pubbliku u, jew, liġi u żamma tal-ordni, jinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li persuna m'għandiex tinħarġilha liċenża.*
>
> *(3) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ma toħroġx jew ma ġġeddidx liċenzja ġenerali meta l-Kummissarju jagħti parir skont is-subregolament (2), u, jew, meta il-kriterji stabbiliti fl-Iskeda VI ma jkunux osservati*

In oltre, ir-regolament numru 11(8) jipprovdi is-segwenti rigward l-uffiċjali fi ħdan it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:

> *'It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi hija responsabbli għall-implimentazzjoni, il-konformità u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi* ***<u>tista' tinnomina uffiċjali sabiex jassistu l-Pulizija Eżekuttiva u kull awtorità jew dipartiment ieħor fit-tmexxija tal-ispezzjonijiet marbuta mal-iskop ta' dawn ir-regolamenti jew jassistu fil-prosekuzzjoni ta' xi ksur suspettat ta' dawn ir-regolamenti.</u>*** *Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, l-uffiċjali nominati għandhom jaġixxu b'mod konformi ma' dawn ir-regolamenti u għandu jkollhom is-setgħat stabbiliti fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.'*[3]

Għaldaqstant hija l-Liġi stess li tagħti s-segħta lill-uffiċjali tal-WRBU li jkunu qegħdin jesegwixxu l-kompetenza tagħhom fil-limiti tal-imsemmija liġi u li jassistu lill-pulizija fil-prosekuzzjoni ta' xi ksur suspettat ta' dawn ir-regolamenti. Uffiċjal tal-WBRU ma jkunx qiegħed jixhed fil vesti tiegħu ta' xhud ordinarju iżda in rappreżentanza ta' Awtorita' stabbilita bil-liġi u jixhed dwar materja li l-liġi stess tagħtih is-setgħa sabiex jagħmel dan. Għaldaqstant, in vista tas-sentenza suċitata u għar-raġunijiet kollha pprovduti *supra,* din il-Qorti qedgħa wkoll tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**<u>Fit-tielet eċċezzjoni</u>** tiegħu, l-appellant jgħid li l-piena erogata hija waħda eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005 :

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the*

---

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

*punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence d offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma ddisturbatx is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ogħħa minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferixxi ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

*Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi*

*precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Din il-Qorti hija tal-fehema illi l-piena erogata hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u hija iktar waħda li tqarreb lejn il-minimu milli l-massimu. Għaldaqstant dan l-aħħar aggravju qiegħed jiġi wkoll miċħud.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant Brian Grech u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef